

# IL-KOMUNITAJIET INSARA FL-ART IMQADDSA: INTRODUZZJONI[1]

*Noel Muscat ofm*

## Statistiċi tal-Insara fl-Art Imqaddsa

Fl-Art Imqaddsa hu diffiċli li wieħed ikollu stima eżatta tal-popolazzjoni Kristjana, minħabba d-diversità ta' tqassim ġeopolitiku ta' din l-art, maqsuma bejn Israel u l-Palestina, li fiha jgħixu Għarab Palestinjani f'Israel u Lhud fit-territorji tal-Palestina.

F'Israel attwalment hemm popolazzjoni ta' 8,252,000 persuni (statistiċi uffiċjali 2014). Minn dawn, 6,186,000 huma Lhud (75%), 1,709,900 huma Għarab (20.7%), u 356,500 jappartjenu għal gruppi oħrajn (Kristjani Russi, Baha'i, eċċ.). B'kollox l-Insara f'Israel jammontaw għal madwar 2.1% tal-popolazzjoni. Il-maġġoranza assoluta tal-Insara f'Israel, 80%, huma Għarab Palestinjani (127,000) bi gruppi oħrajn ta' Kristjani, l-aktar Russi Ortodossi (25,000).

Fil-Palestina hu stmat li jgħixu madwar 236,000 Kristjan (Xatt tal-Punent u Strixxa ta' Gaża) fuq popolazzjoni totali ta' 2,731,052 persuna. Dawn jinkludu Palestinjani li jgħixu f'Ġerusalemm tal-Lvant. Fil-Palestina 83% tal-popolazzjoni hi ta' Għarab Palestinjani, imma jgħixu fosthom ukoll 17% li huma Lhud li okkupaw l-insedjamenti (*settlements*) fil-Lhudija u s-Samarija. Fil-każ tal-Palestina, l-Insara jammontaw għal madwar 8% mill-popolazzjoni.

Wieħed jista' jikkalkula li, fl-Art Imqaddsa, jgħixu madwar 400,000 Kristjan ta' diversi denominazzjonijiet u Knejjes. Fil-fatt, id-dehra tal-Insara hi dik ta' mużajk divers ta' komunitajiet u Knejjes li hu kkumplikat. Forsi fl-ebda post ieħor fid-dinja ma hemm diversità ta' Knejjes Insara li jgħixu flimkien bħal fil-każ tal-Art Imqaddsa, u l-aktar fil-każ tal-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm.

L-akbar komunità Kristjana hi dik tal-Griegi Kattoliċi (Melkiti) li jaslu għal 40% tal-popolazzjoni Nisranija. Warajhom jiġu l-Griegi Ortodossi, li huma 32%, u mbagħad il-Kattoliċi (Latini), li huma 20% u l-Maroniti li huma 7%. Il-gruppi Insara l-oħrajn jammontaw għal biss 1% mill-popolazzjoni Nisranija totali. Skont l-Israel Central Bureau of Statistics, il-popolazzjoni hi maqsuma skont ir-reliġjonijiet b'dan il-mod: 75.4% Lhud, 16.9% Musulmani, 2.1% Kristjani, 1.7% Drużi, u 4% li ma humiex klassifikati skont ir-reliġjon għax ma jappartjenu





*Monaku Grieg Ortodoss*

għal ebda waħda jew ma jistqarrux l-ebda reliġjon.

Il-Knejjes Insara fl-Art Imqaddsa jammontaw għal madwar 21, u nistgħu naqsmuhom f'ħames gruppi. L-ewwel grupp hu dak tal-Knejjes Ortodossi, jiġifieri: (1) Knisja Griega Ortodossa (Patrijarkat Grieg Ortodoss), (2) Knisja Russa Ortodossa, (3) Knisja Rumena Ortodossa, (4) Knisja Ukrajna Ortodossa. It-tieni grupp hu dak tal-Knejjes Antiki Orjentali, jiġifieri: (5) Knisja Armena Ortodossa (Patrijarkat Apostoliku Armen Ortodoss), (6) Knisja Siro-Ortodossa, (7) Knisja Kopta Ortodossa, (8) Knisja Etjopika (Abbissina). It-tielet grupp hu dak tal-Knejjes Kattoliċi, li jinkludu: (9) Knisja Kattolika

Latina (Patrijarkat Latin, Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa, u Komunità Kattolika ta' espressjoni Ebrajka), (10) Knisja Griega Kattolika (Melkita), (11) Knisja Maronita, (12) Knisja Armena Kattolika, (13) Knisja Siro-Kattolika, (14) Knisja Kaldea, (15) Knisja Kopta Kattolika. Ir-raba' grupp hu dak tal-Knejjes Riformati, li jiġbor fih prinċipalment: (16) Knisja Anglikana, (17) Knisja Evanġelika Luterana, (18) Knisja Battista, (19) Knisja Presbiterjana. Il-ħames grupp hu magħmul minn gruppi ta' (20) Lhud Messjaniċi u (21) Lhud Żionisti.

Fost dawn il-Knejjes diversi, l-aktar importanti għan-numru u preżenza, kif ukoll għat-tradizzjoni antika tagħhom huma l-Knisja Griega Ortodossa (madwar 150,000), il-Knisja Griega Kattolika jew Melkita (madwar 64,400), il-Knisja Kattolika (Rumana jew Latina) (madwar 32,200), u l-Knisja Maronita (11,270).

## L-oriġini storika tal-Knejjes Insara fl-Art Imqaddsa

L-ewwel preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa kienet dik li rat il-bidu tagħha fiċ-Ċenaklu nhar Pentekoste, skont kif juruna l-Atti tal-Appostli meta jitkellmu mill-ewwel komunità Nisranija ta' Ġerusalemm, u l-ewwel komunitajiet fil-Lhudija, Samarija u Galilija (Atti 8,1.4; 9,31). L-istess Atti jgħidulna li, dawk kollha li kienu jemmnu fi Kristu, kienu "qalb waħda u ruħ waħda" (Atti 4,32) u li kienu jgħixu f'komunjoni mat-tagħlim tal-Appostli, fil-karità reċiproka u l-qsim tal-ħobż u t-talb (Atti 2,42).

Matul l-ewwel erba' sekli tal-eżistenza tagħha fil-Palestina l-Knisja kienet magħmula minn komunitajiet ta' Lhud-Insara, jiġifieri ta' Lhud li kkonvertew għall-Kristjaneżmu, u li baqgħu jżommu rabtiet mat-tradizzjonijiet Lhud. L-Insara kellhom isofru persekuzzjoni sa mill-bidu nett. L-Atti jirrakkontaw il-martirju ta' Stiefnu (Atti 7). Fis-sena 62 w.K.


*Il-Franġiskani jistennew il-purċissjoni fil-Qabar ta' Kristu*

sofra l-martirju Ġakbu, "ħu l-Mulej", meqjus bħala l-ewwel Isqof ta' Ġerusalemm, li l-istoriku Josephus Flavius jirrakkonta li l-Lhud waddbuh mill-quċċata tat-Tempju għal isfel. Wara l-ewwel rewwixta tal-Lhud kontra r-Rumani u l-qerda tat-Tempju (66–70 w.K.) il-komunità Lhudija-Kristjana kellha taħrab u sabet kenn fil-belt ta' Pella fil-Perea (fil-Ġordanja). Wara li rritornaw lura lejn Ġerusalemm huma kienu joqogħdu fuq is-Sijon Kristjan (Ċenaklu) u wara l-martirju ta' Ġakbu ġie maħtur Isqof ta' Ġerusalemm Xmun, l-iben ta' Kleofa, li jissemma fir-rakkont evanġeliku tad-dehra ta' Ġesù rxoxtat liż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws (Lq 24,13-35).

Meta s-Sinedriju tal-Lhud spiċċa f'Yavneh (Jamnia) wara l-qerda ta' Ġerusalemm (79–81 w.K.), seħħet il-firda bejn il-Lhud u l-Kristjani li kienu ta' oriġini Lhudija, kif għidna. Il-persekuzzjoni tal-Insara ħraxet fi żmien l-Imperatur Domizjanu (81–96 w.K.). L-istoriku Eġesippu jirrakkonta kif kienu xlew quddiem l-imperatur lid-dixxendenti tal-familja ta' Ġesù. Il-Lhud bdew isejħu lil-Lhud-Insara *Minim*, jew eretiċi.

Fis-sena 135 l-Imperatur Adrijanu keċċa lil-Lhud minn Ġerusalemm, wara t-tieni rewwixta tal-Lhud, u qered il-belt u bniha mill-ġdid fuq stil Ruman bl-isem ta' Ælia Capitolina. Il-Lhud-Insara kienu meqjusa mir-Rumani bħala setta Lhudija u għalhekk Adrijanu ħabrek biex il-postijiet qaddisa tagħhom jintesew. Il-Qabar ta' Kristu sar il-*forum* tal-belt bit-tempji ta' Ġove u Venere (fuq il-Kalvarju), u l-Grotta ta' Betleħem saret bosk iddedikat lil alla Adonis-Tammuz.

Kienu bosta l-Insara tal-Palestina li sofrew martirju biex taw xhieda tal-fidi tagħhom. Fosthom insemmu lil San Ġustinu, martri, li twieled fi Flavia Neapolis (Nablus fis-Samarija) qrib is-sena 100 u sofra l-martirju fis-sena 165, wara li kiteb diversi opri ta' difiża tal-fidi Kristjana biex jispjega lill-pagani li l-Kristjaneżimu ma kienx ta' periklu għall-politika tal-Imperu Ruman.

Waqt il-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu (303–312) kienu diversi l-Insara li sofrew il-martirju fil-Palestina, u li jitkellem dwarhom Ewsebju ta' Ċesarija. Fost dawn l-Insara l-aktar famuż kien San Ġorġ, martri fi Djospoli, jew Lidda. Kien biss fis-sena 313 li l-Imperatur Kostantinu l-Kbir ta l-libertà lir-reliġjon Kristjana, li saret ir-reliġjon tal-Imperu wara li mexxa l-kapitali minn Ruma lejn Kostantinopli[2].

Matul l-ewwel 4 sekli ta' Kristjaneżmu l-komunità Lhudija-Kristjana kienet dik li pprovdiet il-garanzija tar-rabta mat-tifkiriet tal-fidwa, permezz ta' xhieda ħajja ta' preżenza li għad fadlilna sinjali tagħha sal-lum (fdalijiet arkeoloġiċi ta' Nazaret u Kafarnahum), u permezz ta' kitbiet li kienu jiċċirkolaw fi ħdan il-komunitajiet (Apokrifi). Dan il-fattur hu fundamentali biex nifhmu kif il-Kristjaneżmu baqa' preżenti fil-Palestina matul dawn is-sekli ta' persekuzzjoni u qerda.

L-editt ta' Milan tat-313, li bih Kostantinu ta l-libertà lill-Kristjaneżmu, kien ifisser li r-reliġjon Kristjana ħarġet fil-beraħ u saret uffiċjali. Mhux biss, imma meta l-Imperatur mexxa l-kapitali f'Kostantinopli, jew *Bisantium* (Biżanzju), il-Palestina ġiet direttament taħt il-kontroll politiku tal-Imperu u l-komunità Lhudija-Kristjana spiċċat, biex daħlet f'postha l-komunità Ġentili-Kristjana, Insara li kienu ġejjin mill-paganeżmu.

## Il-Knisja ta' Ġerusalemm: Omm il-Knejjes kollha

Fil-25 ta' Awwissu 325 l-Imperatur Kostantinu ippresieda l-konklużjoni tal-Konċilju ta' Nicea, li fih kienu ħadu sehem l-isqof ta' Ælia Capitolina (Ġerusalemm), Makarju, u Ewsebju, Isqof ta' Ċesarija, id-djoċesi metropolitana tal-provinċja ta' Sirja-Palestina, li minnha kienet tiddependi Ġerusalemm.

Kien matul dan il-Konċilju li Makarju qajjem il-kwistjoni tas-sede ta' Ġerusalemm biex tingħata dinjità li kien jixirqilha Knisja Omm u ma tibqax tiddependi mis-sede ta' Ċesarija. Din il-kwistjoni damet tkarkar għal aktar minn seklu. Kien biss fis-sena 451, waqt il-Konċilju ta' Kalċedonja, li s-sede ta' Ġerusalemm ġiet mogħtija l-ġieħ ta' Patrijarkat, flimkien mas-sedi ta' Ruma, Antjokja, Lixandra u Kostantinopli. L-ewwel Patrijarka ta' Ġerusalemm kien l-isqof Juvenalius (Giovenale) li beda s-sensiela ta' Patrijarki Biżantini tal-Belt il-Qaddisa. Kien Isqof ta' Ġerusalemm fis-snin 421-451 u mbagħad Patrijarka ta' Ġerusalemm sa ma miet fis-sena 458.

Kien ukoll waqt il-Konċilju ta' Nicea li Makarju tkellem dwar il-qagħda tal-biki tat-tifkiriet tal-Fidwa Insara f'Ġerusalemm, li kienu saru tempji pagani minn żmien Adrijanu fis-sena 135. L-Imperatur inkariga lill-arkitetti imperjali biex itellgħu tliet bażiliċi kbar fuq it-tliet "grotti mistiċi"; il-Qabar ta' Kristu, l-Eleona fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, u l-Grotta tan-Natività f'Betleħem. Id-dedikazzjoni tal-Bażilika Kostantinjana tal-Qabar ta' Kristu seħħet fl-14 ta' Settembru 335 fil-preżenza tal-Awgusta Elena, omm l-Imperatur Kostantinu, li ġiet fl-Art Imqaddsa biex tqim il-Postijiet Qaddisa Kristjani. Kien f'din l-okkażjoni li Santa Elena talbet li jsir tiftix għar-relikwi veri tas-salib, li skont l-istoriċi Ewsebju ta' Ċesarija u Rufino ta' Aquilea, instabu f'ċisterna taħt il-Golgota, illum il-Kripta tas-Sejba tas-Salib.



*Isqof Koptu Ortodoss*



*Armeni Ortodossi*

Il-Palestina malajr saret ċentru ta' preżenza Kristjana fjorenti. Nistgħu ngħidu li, bejn is-seklu 4 u s-seklu 7 il-Palestina kienet kollha kemm hi Kristjana, taħt l-influss tal-Imperu ta' Biżanzju. Hu għalhekk li nitkellmu mill-Knisja Omm ta' Ġerusalemm bħala ċ-ċentru tal-Kristjanità fl-epoka Biżantina (313–638). Diversi monaċi, eremiti u nisa nobbli waslu mill-punent u mil-lvant u bdew jgħixu fil-Belt il-Qaddisa u fid-deżert tal-Lhudija. Fosthom insemmu lil San Ġilormu, li għex f'Betleħem mis-sena 380 sal-mewt fis-sena 420, u li hemmhekk ittraduċa l-Iskrittura Mqaddsa bil-Latin (il-Vulgata). Miegħu ġew jgħixu diversi monaċi u nisa kkonsagrati f'ħajja monastika li tkattret f'Betleħem. Fl-istess sekli l-ħajja anakoretika (tal-eremiti) u ċenobitika (tal-komunitajiet ta' rħieb jew monaċi) iffjoriet fid-deżert tal-Lhudija b'persunaġġi famużi bħalma kienu Sant'Ewtimju, San Saba u San Ġwann Damaxxenu, li għexu fil-*laure* jew monasteri tad-deżert, li l-aktar wieħed famuż fosthom hu dak ta' San Saba fil-Wied tal-Kedron.

Kien matul dawn is-sekli li nassistu għat-twelid tal-pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa, li wħud minnhom baqgħu dokumentati. L-aktar itinerarju famuż hu x'aktarx dak tal-pellegrina Egeria, li żaret l-Art Imqaddsa lejn is-sena 384 u ħallitilna deskrizzjoni dettaljata tat-tifkiriet bibliċi u l-aktar taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li l-komunità Nisranija ta' Ġerusalemm kienet tagħmel fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Għandna xhieda tal-katekeżi mistagoġiċi li kien jagħmel l-Isqof San Ċirillu ta' Ġerusalemm quddiem il-Qabar ta' Kristu lil dawk li kienu se jersqu għas-sagramenti tal-inizjazzjoni Kristjana.

## Il-firdiet fil-Knejjes

Matul is-seklu 5 qamet kwistjoni dottrinali fil-Knisja dwar l-identità ta' Kristu fin-natura tiegħu divina u umana. Għalkemm il-Kristjani kollha kienu jammettu li Ġesù hu veru Alla u veru bniedem, kien hemm kurrenti teoloġiċi diversi: Kristu kellu persuna waħda jew żewġ persuni? Kellu natura waħda jew żewġ naturi? Dawn l-opinjonijiet nisslu taħwid u ereżiji, l-aktar dawk ta' Nestorju u ta' Ewtike, li ġew ikkundannati rispettivament mill-Konċilji ta' Nicea (325) u Kalċedonja (451). Il-Konċilju ta' Kalċedonja solva l-problema bl-istqarrija dommatika: "Ġesù hu veru Alla u veru bniedem, persuna waħda f'żewġ naturi."

Hawnhekk, iżda, mhux il-Kristjani kollha aċċettaw din id-duttrina. Il-Knisja Biżantina u dik tal-punent bis-sede ta' Ruma aċċettaw

il-pożizzjoni ta' Kalċedonja, imma diversi Knejjes oħrajn infirdu minnhom. Dawn kienu jinkludu l-Knisja Nestorjana (jew Persjana, jew Siro-Orjentali), illum magħrufa bħala "Knisja Assira tal-Orjent", li diġà nfirdet mill-Knisja uffiċjali wara l-Konċilju ta' Efesu li kien ikkundanna lil Nestorju. Wara l-Konċilju ta' Kalċedonja nfirdu l-Knejjes hekk imsejħa "Monofisiti" (għax jemmnu li Kristu kellu natura waħda divina-umana): "Ġesù Kristu, li hu identiku mal-Iben, hu persuna waħda u *hypostasis* f'natura waħda: dik divina." Dawn il-Knejjes Monofisiti jinkludu l-Knisja Ġakobita (jew Knisja Siro-Oċċidentali), il-Knisja Armena, il-Knisja Kopta, il-Knisja Etjopika (Abbissina), u l-Knisja Indjana Siro-Malankariża.

Il-Patrijarkat ta' Ġerusalemm baqa' fidil mal-ortodossija tal-Knisja uffiċjali u mad-duttrina tal-Konċilju ta' Kalċedonja. Din il-Knisja bdiet kultant tissejjaħ "Melkita" mill-avversarji tad-duttrina, kelma li tfisser "re", mela l-Knisja li kienet taħt l-influwenza tal-Imperatur Biżantin. F'Ġerusalemm, iżda, malajr daħlu diversi mill-Knejjes Monofisiti minħabba l-monasteri ta' Ġorġjani, Armeni, Sirijaċi, Kopti, Nestorjani, li ntrabtu mal-Knejjes ta' pajjiżhom bit-tradizzjonijiet liturġiċi, spiritwali u teoloġiċi tagħhom. F'kelma oħra, mis-sena 451 nassistu għall-ewwel firda fost il-Knejjes f'Ġerusalemm, jiġifieri dik bejn il-Knisja Biżantina, il-Knisja uffiċjali tal-Imperu, u l-Knejjes Monofisiti, jew Knejjes Antiki Orjentali.

Fis-sena 638 nassistu għall-invażjoni Islamika tal-Palestina. Meta l-Kaliff Omar Ibn al-Khattab (579–644) daħal Ġerusalemm dan sab lill-Patrijarka Biżantin San Sofronju lest li jċedi l-Belt il-Qaddisa biex jevita t-tixrid tad-demm. Omar kien sieħeb Muħammad u sar Kaliff wara Abu Bakr (632-634). Kien hu li xerred il-qawwa tal-Islam b'konkwisti ġodda fosthom il-Palestina. Il-Kaliffat tal-Umayyadi li twieled b'din l-invażjoni kien tolleranti għall-Insara, imma r-reliġjon Islamika saret dominanti fil-Palestina, l-aktar wara l-bini tal-Moskea ta' Al-Aqsa u l-Koppla tal-Blata fuq l-ispjanata abbandunata tat-Tempju, li saru t-tielet post l-aktar qaddis għall-Islam wara l-Mekka u l-Medina.

It-tieni firda li kellha taqsam il-Kristjanità f'dik tal-Lvant u dik tal-Punent seħħet fis-sena 1054, l-hekk imsejħa Xiżma Kbira, li fiha l-Knisja ta' Kostantinopli (Biżantina) immexxija mill-Patrijarka Michael Cerularius infirdet mill-Knisja ta' Ruma (Latina) immexxija mill-Papa Ljun IX. Iż-żewġ Knejjes skomunikaw lil xulxin, u b'hekk il-Kristjanità inqasmet fil-Knisja Kattolika (Latina jew Rumana) fil-punent, u fil-Knisja Ortodossa (Biżantina jew Griega) fil-lvant. Il-Palestina baqgħet taħt l-influwenza tal-Knisja Biżantina. L-iskomunika bejn iż-żewġ Knejjes tneħħiet reċiprokament fl-1965, wara li fl-1964 l-Papa Pawlu VI iltaqa' mal-Patrijarka Grieg Ortodoss Athenagoras f'Ġerusalemm.

## Il-perjodu tal-Kruċjati u l-Knisja Kattolika Latina

Fil-15 ta' Lulju 1099 l-ewwel Kruċjata daħlet fil-Belt ta' Ġerusalemm taħt it-tmexxija ta' Geoffrey ta' Bouillon. L-epoka tal-Kruċjati ma kinitx twila, għax fit-2 ta' Ottubru 1187 Ġerusalemm reġgħet waqgħet f'idejn l-armati Islamiċi mmexxija minn Saladin. Għal xi żmien, bejn Frar 1229 u Mejju 1244, bit-tħabrik tal-Imperatur Federiku II mas-Sultan Malik al-Kamil, Ġerusalemm mill-ġdid ingħatat lill-Kruċjati, imma mal-invażjoni tat-Torok Kwariżmjani, li għamlu straġi mill-popolazzjoni Kristjana, il-Kruċjati tilfu għal kollox Ġerusalemm, u baqgħu biss f'Akri sal-1291, meta l-Kavallieri Ospedalieri (ta' San Ġwann) u Templari kellhom jaħarbu lejn Ċipru.

Malli l-Kruċjati daħlu Ġerusalemm huma waqqfu l-Patrijarkat Latin bl-elezzjoni tal-Patrijarka Arnulf ta' Choques (1099)

u warajh Diamberto ta' Pisa (1099-1101). Il-Patrijarka Grieg Ortodoss Symeon II kellu jitlaq Ċipru u Kostantinopli, fejn l-Ortodossi żammew is-suċċessjoni apostolika tal-Patrijarki fl-eżilju. B'hekk il-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm kellu awtorità mhux biss fuq il-Kattoliċi, magħrufin bħala Latini fl-Art Imqaddsa, imma wkoll fuq l-Insara Ortodossi, Armeni u Ġakobiti. Ħamsin sena wara r-rebħa Kruċjata ġiet ikkonsagrata mill-ġdid il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu nhar il-15 ta' Lulju 1149, li l-Kruċjati kienu rrestawrawha u ħallewha kif għadna narawha sal-lum.[3]

Mal-qerda ta' Akri u t-tmiem tar-Renju Kruċjat ta' Ġerusalemm fl-1291 il-Patrijarka Grieg Ortodoss irritorna fis-sede tiegħu fil-Belt il-Qaddisa. Il-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm baqa' jiġi maħtur bħala isqof titulari sal-1847 meta l-Papa Piju IX reġa' waqqaf il-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm residenti fil-persuna tal-Patrijarka Latin Giuseppe Valerga. Ta' min jgħid ukoll li fl-1461 twaqqaf il-Patrijarkat Armen Apostoliku ta' San Ġakbu ta' Ġerusalemm, dipendenti mill-*Katholikos*, jew Patrijarka tal-Armeni kollha li hu residenti f'Etchmiadzin fl-Armenja. L-Armeni jsostnu li l-Isqof tagħhom kien diġà elevat għal dinjità ta' Patrijarka fis-seklu 5, u li fis-seklu 7 insibu l-ewwel Patrijarka Armen ta' Ġerusalemm li kien jismu Abraham, u ġie rikonoxxut mill-Kalif Omar. Illum fl-Art Imqaddsa hemm tliet Patrijarki, dak Grieg Ortodoss, li jżomm il-primat, dak Latin (Kattoliku) u dak Armen.

Wara t-telfa tal-Kruċjati l-preżenza tal-Knisja Kattolika fil-Palestina tkompliet grazzi għall-preżenza tal-Franġiskani. San Franġisk innifsu kien wasal Akri fl-1219 fi triqtu lejn l-Eġittu, fejn ġie milqugħ minn Fra Elija, Ministru Provinċjal tas-Sirja. Nafu li fl-1229 il-Franġiskani diġà kellhom kunvent f'Ġerusalemm, għalkemm sfaw martirizzati fl-1244. Il-preżenza Franġiskana b'mod stabbli bdiet fl-1333 meta Fra Roger Guerin akkwista ċ-Ċenaklu bl-għajnuna tan-nobbli Margherita di Sicilia u tar-Re Roberto d'Anjou ta' Napli u martu Sanchia de Majorca. Mill-Għolja ta' Sijon il-Franġiskani bdew jufficjaw fil-Qabar ta' Kristu u f'Betleħem, fejn kellhom kunvent fl-1347. Fil-21 ta' Novembru 1342 il-Papa Klement VI minn Avignon indirizza lill-Franġiskani żewġ Bulli pontifiċji (*Gratias agimus* u *Nuper carissime*) li bihom iddikjara lill-Franġiskani bħala Kustodji tal-Art Imqaddsa f'isem il-Knisja Kattolika. B'hekk twieldet il-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Il-ħidma tal-Franġiskani fost l-Insara tal-Palestina kienet waħda kbira, hekk li huma waqqfu l-parroċċi ta' Ġerusalemm, Betleħem u Nazaret, u sal-1847 il-Kustodju tal-Art Imqaddsa kien l-unika awtorità ekkleżjastika Kattolika fil-Lvant Nofsani. Il-Kustodja Franġiskana tat xhieda tal-fedeltà lejn il-Vanġelu bil-martirju ta' diversi

patrijiet, fosthom San Nikola Tavelić u sħabu f'Ġerusalemm (1391), il-Beatu Emanuel Ruiz u sħabu f'Damasku (1860) u l-Beatu Salvatore Lilli u sħabu fl-Armenja (1895). Il-ħidma tal-Franġiskani favur il-komunità Kattolika tal-Art Imqaddsa tkompli sal-ġurnata tal-lum.

Matul dawn l-aħħar mitejn sena diversi Ordnijet reliġjużi maskili u femminili daħlu fl-Art Imqaddsa u saħħew il-ħidma tal-Franġiskani u tal-Patrijarkat Latin. Insemmu, b'mod partikulari, il-Karmelitani, Dumnikani, Ġiżwiti, Lazzaristi, Kapuċċini, Salesjani, Fréres, u diversi kongregazzjonijiet ta' Sorijiet, fosthom Saint Joseph de la Apparition, Sorijiet ta' Sijon, Franġiskani Missjunarji ta' Marija, Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Immakulata ta' Marija (Franġiskani tal-Eġittu), Dorotej, Missjunarji tal-Karità.

## Il-Knejjes Kristjani Orjentali Kattoliċi u l-Knejjes Protestanti

Fl-Art Imqaddsa matul iż-żmien daħlu ħames Knejjes Kattoliċi ta' Riti Orjentali, jiġifieri li jużaw il-liturġija tal-Knejjes Ortodossi imma li huma taħt l-ubbidjenza tal-Papa. Dawn jinkludu l-Knisja Kaldea (1552); il-Knisja Griega Kattolika jew Melkita (1724), li hi l-akbar komunità Kristjana u li ġiet imwaqqfa minn Kristjani li kienu Ortodossi fil-Patrijarkati ta' Antjokja, Lixandra u Ġerusalemm; il-Knisja Armena Kattolika (1740); il-Knisja Siro-Kattolika (1773); u l-Knisja Kopta Kattolika (1824).

Fis-seklu 19 daħlu wkoll il-Knejjes Riformati Protestanti, l-aktar il-Knisja Anglikana u l-Knisja Evanġelika Luterana. Fi żmienna żdiedu Lhud Kristjani li jitkellmu l-Ebrajk, ġejjin mir-Russja u r-Rumanija, u l-Lhud Messjaniċi kif ukoll il-*Christian Zionists*, li huma aktar moviment politiku milli reliġjuż.

## Referenzi


1 Materjal informattiv ta' din is-sensiela ta' artikli meħud mill-ktieb ta' Pier Giorgio Gianazza, *Guida alle comunità cristiane di Terra Santa*, Edizioni Dehoniane Bologna 2008.

2 Michele Piccirillo, *La Palestina Cristiana. I-VII Secolo*, Edizioni Dehoniane Bologna 2008, 25-51.

3 Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume III: *The City of Jerusalem*, Cambridge Unversity Press 2010, 3-4




*Franġiskani fil-purċissjoni*